MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 63/2003

**CITAZZJONI NUMRU 63/2003**

Antonia Sammut armla ta’ Antonio

-vs-

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi l-att ta’ Twelid numru erba’ mija u sebgha u sittin tas-sena elf disa’ mija u sitta u tletin (467/1936) datat erbgha u ghoxrin (24) ta’ Lulju ta’ dik is-sena relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici (Dokument A) huwa skorrett billi fil-parti relattiva ghat- “Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna intestata “Ismijiet moghtija” l-ismijiet hemm indikati bhala “Antonia Giorgia” huma skorretti u minflok ghandhom ikunu “Antonia, Angela, Georgia, Josephne”.

Illi l-attrici ilha minn twelidha maghrufa b'dawn l-ismijiet peress illi dawn huma l-ismijiet moghtija lill-attrici anke fil-maghmudija taghha kif jidher mic-certifikat mahrug mill-Parrocca ta' San Gorg hawn anness Dokument B.

Illi l-attrici trid li dan l-att jigi korrett.

Talbet li din il-Qorti:

Previa d-dikjarazzjoni li l-att tat-Twelid ta' l-attrici numru erba' mija u sebgha u sittin tas-sena elf disa' mija u sitta u tletin (467/1936) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet moghtija" l-ismijiet hemm indikati bhala "Antonia, Giorgia" jigu sostitwiti bl-ismijiet "Antonia, Angela, Georgia, Josephine".

Bl-ispejjez.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi huwa ma hux edott mill-fatti kif esposti mill-attrici;

2. illi ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

3. Illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f'kull kaz id-direttur m'ghandux ibati spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkonstat illi l-attrici xehdet quddiem l-Assistent Gudizzjarju u ddikjarat illi hija kienet minn dejjem maghrufa bhala Antonia Angela Giorgia u Josephine

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru erba’ mija u sebgha u sittin tas-sena elf disa’ mija u sitta u tletin (467/1936) billi fil-parti relattiva ghat-“Taghrif dwar it-Tarbija” fil-kolonna intestata “Ismijiet moghtija” l-ismijiet hemm indikati bhala “Antonia, Giorgia” jigu sostitwiti bl-ismijiet “Antonia, Angela, Georgia, Josephine”.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.
(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------